**7 ta' Frar, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D., A/President;**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.;**
**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Onor. Joseph Ellul Mercer, M.L.A. ne. et.

*versus*

P. L. Albert Borg Olivier de Puget et.

**Protezzjoni tal-Antikitajiet — Bejgħ ta' Oġġetti ta' Importanza Antikwarja u Artistika — Dritt ta' Preferenza — Ġudikat — Art. 3 u 15(1) tal-Kap. 90.**

*Wieħed mir-rekwiżiti li jeħtieġ jikkonkorru sabiex jista' jiġi invokat il-ġudikat huwa dak tal-identità tal-oġġett ("eadem res").*

*Id-dritt ta' preferenza li l-liġi dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet tagħti lill-Gvern fl-okkażżjoni tal-bejgħ ta' oġġetti ta' importanza antikwarja u artistika jolqot bejgħ determinat.*

*Għaldaqstant, jekk il-Gvern jeżerċita d-dritt ta' preferenza fuq xi oġġetti ta' importanza antikwarja u artistika li jkunu nbiegħu f'irkant, u jibqa' sokkombenti fil-kawża li mbagħad jagħmel biex jiġi dikjarat validu l-eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza, u in segwitu jerġa jeżerċita dan id-dritt fuq l-istess oġġetti għax min xtrahom minn dak l-irkant reġa' ttrasferihom lil ħadd ieħor, ma jistgħax, fil-kawża li mbagħad jerġa jagħmel il-Gvern biex jiġi dikjarat validu l-eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza in konnessjoni ma' dan it-trasferiment ulterjuri, jiġi invokat il-ġudikat naxxenti mill-ġudizzju preċedenti; għaliex fl-ewwel ġudizzju l-bejgħ oġġett tad-dritt ta' preferenza kien il-bejgħ bl-irkant, mentri fil-ġudizzju ta' wara oġġett tad-dritt ta' preferenza huwa t-trasferiment susseġwenti għall-bejgħ bl-irkant, u għalhekk l-oġġett tal-kawża (apparti konsiderazzjonijiet oħra) fil-każ wieħed u l-ieħor huwa divers, u din id-diversità taloġġett teskludi l-ġudikat.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li

bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija, wara li jippremettu illi l-imsemmi konvenut Prokuratur Legali Albert Borg Olivier de Puget, ftit ġranet wara d-29 ta' Mejju 1957, xtara minn għand missieru l-konvenut l-ieħor, l-Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget, LL.D., bil-prezz ta' £32, erbgħa bozzetti tal-Palombi, illi l-istess Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget kien xtara fid-data msemmija, 29 ta' Mejju 1957, minn bejgħ bl-irkant li kien sar f'Ħal Balzan mill-Irkantatur Publiku Albert C. Gingell, liema bozzetti fl-imsemmi rkant kienu kontraddistinti bin-numru tal-Lot 129 u 130, b'żewġ bozzetti f'kull Lot; u illi l-erbgħa bozzetti fuq imsemmija ta' Palombi huma oġġetti ta' importanza antikwarja u artistika, jew waħda minnhom, għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet (Kap. 90);

U illi huma, fl-imsemmija kwalità tagħhom, eżerċitaw, għar-rigward tax-xiri tal-erbgħa bozzetti tal-Palombi, li sar ftit ġranet wara d-29 ta' Mejju 1957 da parti tal-konvenut Prokuratur Legali Albert Borg Olivier de Puget minn għand missieru l-konvenut l-ieħor Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier, id-dritt ta' preferenza lilhom kompetenti skond l-art. 3 tal-Att fuq isemmi, u dan per mezz ta' ċedola ta' eżerċizzju ta' dritt ta' preferenza u ta' kontestwali depożitu numru 98 tal-31 ta' Lulju 1957 (dok. A); u fl-istess ħin iddepożitaw is-somma ta' £32. 5. 9d li tirrappreżenta, in kwantu għal £32 rimborż tal-prezz li l-imsemmi P.L. Albert Borg Olivier de Puget ħallas lill-missieru għall-akkwist tal-erbgħa bozzetti fuq imsemmija, u kwantu għal 5s. 9d. rimborż tal-imgħax legali fuq is-somma ta' £32 mill-ġurnata tal-akkwist sad-data tal-eżerċizzju tad-dritt ta' preferenza u tal-kontestwali depożitu, u ma ddepożitaw ebda ammont bħala rimborż ta' spejjeż għaliex, skond dikjarazzjoni tal-istess P.L. Albert Borg Olivier de Puget, huwa ma sborża ebda spejjeż fl-okkażjoni tax-xiri in kwistjoni;

U illi l-konvenut Prokuratur Legali Albert Borg Olivier de Puget mhux biss ma rrilaxxjax u ma kkonsenjax l-erbgħa bozzetti fuq imsemmija, imma anzi, per mezz ta' ittra uffiċjali notifikata lilhom fl-imsemmija kwalità fis-16 ta' Awissu 1957 (dok. B), infurmahom illi huwa ma

setgħax jeffettwa dik il-konsenja u rilaxx, il-għaliex fis-27 ta' Lulju 1957 huwa ttrasferixxa l-erbgħa bozzetti fuq imsemmija b'titolu ta' permuta lill-missieru l-konvenut l-ieħor Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget;

U illi kwalunkwe patt few fatt li l-imsemmi P.L. Albert Borg Olivier de Puget għamel wara li huwa xtara l-bozzetti tal-Palombi fuq imsemmijin minn għand il-konvenut l-ieħor Avv. Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget ma setgħax jippreġudika d-dritt ta' preferenza li skond il-liġi fuq imsemmija twieled favur l-atturi nomine għar-rigward ta' dak ix-xiri fl-istess mument li x-xiri effettwa ruħu;

Jitolbu illi, premessa kull dikjarazzjoni oħra meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat (1) illi l-erbgħa bozzetti fuq imsemmija tal-Palombi huma ta' importanza antikwarja u artistika, jew waħda minnhom, għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet (Kap. 90), u dan wara li ssir, okkorrendo, riferenza lil espert wieħed jew iżjed magħżula bi ftehim bejn l-atturi nomine u l-konvenut P.L. Albert Borg Olivier de Puget, jew, fin-nuqqas ta' ftehim, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina a tenur tal-art. 15(1) tal-Att fuq imsemmi; (2) illi d-dritt ta' preferenza eżerċitat minnhom fil-premessa kwalità biċ-ċedola numru 98 tal-31 ta' Lulju 1957 (dok. A) rigward ix-xiri tal-bozzetti fuq imsemmijin, li sar ftit granet wara d-29 ta' Mejju 1957, ġie validament eżerċitat, b'mod li dak ix-xiri għandu jitqies, għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, bħal li kieku sar oriġinarjament minnhom fl-istess kwalità; (3) illi huwa null u ineffikaċi fil-konfront tagħhom fl-istess kwalità it-trasferiment tal-erbgħa bozzetti fuq imsemmijin li l-konvenut P.L. Albert Borg Olivier de Puget effettwa b'titolu ta' permuta favur il-konvenut l-ieħor Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget, wara x-xiri li kien ta lok għad-dritt ta' preferenza fuq imsemmi; (4) il-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jirrilaxxjaw favur tagħhom u jikkonsenjawlhom, fl-imsemmija kwalità tagħhom, l-erbgħa bozzetti fuq imsemmija tal-Palombi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Awissu 1957;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha jesponu illi, qabel xejn, il-bozzetti in kwistjoni ma jidherx li huma ta' importanza antikwarja u artistika għall-fini tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Antikitajiet (Kap. 90), u għalhekk kwalunkwe dritt ta' preferenza li setgħu eżerċitaw l-atturi dwar l-istess bozzetti mhux ammissibbli; illi, inoltre, skond is-sentenza mogħtija minn dina l-Qorti fis-27 ta' Lulju 1957, fl-ismijiet "Onor. Dom. Mintoff ne. et. vs. Avv. Dr. Gpe. Borg Olivier de Puget et.", li għaddiet "in giudicato", it-talbiet tal-attur ġew miċħuda mingħajr distinzjoni, fosthom dik tad-dikjarazzjoni li l-bozzetti in kwistjoni huma ta' importanza artistika u antikwarja, u dik tal-konsenja u r-rilaxx tal-istess bozzetti; konsegwentement, kontra l-ewwel u r-raba' talbiet f'din il-kawża josta' l-ġudikat; illi, fi kwalunkwe każ, id-dritt tal-preferenza eżerċitat mill-atturi biċ-ċedola nru. 98 tal-31 ta' Lulju 1957 ma jistax jolqot l-oġġetti in kwistjoni, billi bi skrittura tas-27 ta' Lulju 1957 (dok. A. eżibit wara l-ittra uffiċjali fl-ismijiet "P.L. Albert, Borg Olivier de Puget vs. Onor. Dom. Mintoff ne. et" tal-5 ta' Awissu 1957), dawn kienu ġa ġew trasferiti mill-P.L. Albert Borg Olivier de Puget lill-Avukat Giuseppe Borg Olivier in virtù ta' permuta, u l-art. 3 tal-imsemmija liġi jikkontempla biss il-każ ta' vendita; illi t-tieni u t-tielet talbiet huma wkoll insostenibbli, billi d-dritt tal-preferenza oriġinarjament eżerċitat mill-atturi ma sarx fil-konfront tax-xerrej suċċessiv, li għalieh kien "res inter alios acta", u għalhekkk, meta ġie reċentement eżerċitat dan id-dritt biċ-ċedola fuq riferita, dan ġie invalidament eżerċitat, għall-motivi li ġew esposti fil-paragrafu preċedenti. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Novembru 1957, li biha rrespinġiet l-imsemmija eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom; wara li kkunsidrat;

Illi għall-azzjoni tal-atturi, u preċiżament għall-ewwel u r-raba' talba dedotti fiċ-ċitazzjoni, il-konvenuti qegħdin jopponu l-ġudikat, billi jissottomettu li bis-sentenza ta'

dina l-Qorti tas-27 ta' Lulju 1957, fil-kawża fl-ismijiet "Onor. Dominic Mintoff ne. et. vs. Avv. Dr. Gpe. Borg Olivier de Puget", li għaddiet f'ġudikat, ġew mingħajr distinzjoni respinti t-talbiet kollha tal-atturi, fosthom dik tad-dikjarazzjoni li l-bozzetti in kwistjoni huma ta' importanza antikwarja u artistika, u dik tal-konsenja u r-rilaxx talistess bozzetti, li jinsabu dedotti b'din il-kawża;

Ikkunsidrat, dwar din l-eċċezzjoni;

Illi, biex tkun tista' tiġi akkolta l-eċċezzjoni tal-ġudikat, sollevata mill-konvenuti, jeħtieġ li jiġi stabbilit li s-sentenza fuq imsemmija tas-27 ta' Lulju 1957 ġiet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni u li huma l-partijiet f'din il-kawża, u li kellha bħala oġġett u kawżali dawk stess dedotti mill-atturi f'din il-kawża;

Illi ma hemmx dubju li l-ewwel rekwiżit jikkonkorri; għaliex f'dik il-kawża kienu jiffiguraw bħala partijiet l-istess persuni li qegħdin jiffiguraw bħala partijiet f'din il-kawża. Jirriżulta wkoll li t-talba magħmula mill-atturi f'dik il-kawża għad-dikjarazzjoni li l-erbgħa bozzetti msemmijin fiċ-ċitazzjoni huma ta' importanza antikwarja u artistika, jew waħda minnhom u għall-konsenja tal-istess bozzetti, ġew dedotti wkoll f'din il-kawża. Però ma jirriżultax li l-kawżali, jew aħjar il-kawżalijiet kollha, li fuqhom l-atturi ddeduċew it-talbiet tagħhom fil-kawża l-oħra huma l-identiċi għal dawk dedotti f'din il-kawża. Infatti, il-fondament tal-azzjoni fil-kawża l-oħra kien imqiegħed fuq il-bejgħ bl-irkant li kien sar f'Ħal Balzan fid-29 ta' Mejju 1957, li fih il-konvenut Avukat Dr. Borg Olivier de Puget kien xtara l-imsemmijin bozzetti; mentri fil-kawża preżenti l-oriġini tad-domanda hi l-bejgħ tal-istess bozzetti li l-atturi jippretendu li sar mill-imsemmi konvenut lill-konvenut l-ieħor P.L. Albert Borg Olivier de Puget; u appuntu l-punt riżolut fid-deċiżjoni tal-kawża l-oħra kien li dak il-bejgħ bl-irkant ta' dawk il-bozzetti, għall-konvenut Avukat Borg Olivier, ma kienx veru u proprju bejgħ, imma biss għalieħ mod ta' diviżjoni. Xejn ma jiswa li dina l-Qorti fil-kawża l-oħra rrespinġiet it-talba tal-atturi mingħajr ebda distinzjoni. Bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li l-punti msemmijin mill-konvenuti, ċioè dawk li jirriferixxu għall-ewwel u r-raba' talba dedotti f'din il-kawża, ġew riżoluti fil-kawża l-oħra,

jew li dawk il-punti, avvolja mhux inklużi fid-dispożitiv, kienu inxindibilment marbuta mal-punt *fuq imsemmi riżolut* fil-konsiderandi tad-deċiżjoni fil-kawża l-oħra;

Illi għalhekk ma jikkonkorrux it-tliet rekwiżiti meħtieġa biex tkun tista' tingħata b'suċċess l-eċċezzjoni tal-ġudikat opposta mill-konvenuti;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti fol. 23, u l-petizzjoni tagħhom fol. 24, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-ġudikat u miċħuda t-talba tal-atturi nomine; bl-ispejjeż *taż-żewġ* istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Wieħed mir-rekwiżiti li jeħtieġ jikkonkorru sabiex jista' jiġi nvokat il-ġudikat hu dak tal-identità tal-oġġett ("eadem res");

Id-dritt tal-preferenza eżerċitat mill-atturi nomine jolqot bejgħ determinat (art. 8 Kap. 90 Ediz. Riv.);

Fil-ġudizzju ta' qabel (invokat għall-finijiet tal-eċċezzjoni tan-"non bis in idem") il-bejgħ oġġett tad-dritt tal-preferenza kien il-bejgħ b'irkant hemm imsemmi, li minnu l-konvenut Avukat Dr. Giuseppe Borg Olivier de Puget xtara l-bozzetti in kwistjoni. F'dan il-ġudizzju, inveċe, oġġett tad-dritt tal-preferenza hu dak li sar sussegwentement għal dak fuq *imsemmi mill-konvenut fuq imsemmi* favur ibnu P.L. Albert Borg Olivier de Puget;

Għalhekk, apparti konsiderazzjonijiet oħra, jidher ċar li l-oġġett tal-kawża (mhux, kif irriteniet l-Ewwel Qorti, il-kawżali), fil-każ wieħed u l-ieħor hu divers; u din id-diversità teskludi l-ġudikat;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma, fis-sens premess, is-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Tordna r-rinviju tal-attijiet lill-Ewwel Qorti sabiex titkompla l-kawża.